



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni Nru 2034/2013 imressqa minn M.L.L-O.Q., ta' ċittadinanza Spanjola, dwar il-proprjetà privata u s-sistema tal-ġustizzja fi Spanja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta qed tilmenta dwar in-nuqqas ta' rimedju ġuridiku u l-inċertezza legali fir-rigward tas-sjieda tal-proprjetà immobbli fi Spanja. Hija tgħid li flimkien ma' żewġha għet imċaħħda mid-drittijiet tagħha ta' proprjetà mingħajr ma nġhatat kumpens, permezz tal-Att dwar il-Kosta (Liġi 22/1988). L-att dwar il-Kosta hu deskritt bħala 'nassa legali', jiġġustifika l-abbużi filwaqt li mhuwiex possibbli rimedju min-naħa tal-qrati Spanjoli. Permezz tal-Att, id-definizzjoni tad- 'dominju pubbliku marittimu-terrestri' ġie estiż u sar strument ta' konfiska għal djar mibnija legalment. Il-petizzjonanta tat rendikont kronoloġiku tal-każ tagħha u talbet lill-PE jinvestiga l-każ u jistabbilixxi ġustizzja.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-7 ta' Awwissu 2014. Il-Kummissjoni għet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-Kummissjoni Ewropea hija konxja tad-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom xi ċittadini Ewropej fi Spanja b'riżultat tal-applikazzjoni tal-Liġi Kostali ta' Spanja ('Ley de Costas').

Kif diġà rrimarkat bi tweġiba għal petizzjonijiet oħrajn li jikkonċernaw esproprijazzjonijiet skont il-Liġi Kostali ta' Spanja, m'hemm l-ebda kompetenza Ewropea fi kwistjonijiet ta' liġi tal-proprjetà u, għaldaqstant, il-Kummissjoni mhijiex fpożizzjoni li teżamina l-kompatibilità

tad-dispożizzjonijiet ta' esproprijazzjoni skont il-Liġi Kostali u l-Liġi tal-UE: il-Kummissjoni lanqas ma tista' tikkumenta dwar il-kompatibilità tagħhom mal-Liġi Kostituzzjonali Spanjola. In-nuqqas ta' kompetenza tal-UE f'dan il-qasam ġie enfazzat għal darb'oħra fir-risposti għall-mistoqsijiet bil-miktub E-011695/2012 u E-000407/2013.

Fit-13 ta' Lulju 2012 il-gvern Spanjol adotta abbozz ta' liġi preliminari biex jimmodifika l-Liġi Kostali¹. Il-Kummissjoni ltaqgħet mar-rappreżentanti mill-Ministeru għall-Ambjent ta' Spanja u laqgħet pożittivament l-intenzjoni li tittejjeb iċ-ċertezza legali għas-sidien ta' proprjetà mal-kosta Spanjola².

Il-Gvern Spanjol ippreżenta abbozz ta' liġi biex jemenda l-Liġi Kostali tal-1988 fil-5 ta' Ottubru 2012. Il-Liġi l-ġdida ġiet adottata mill-Parlament Spanjol fid-29 ta' Mejju 2013. Din il-liġi l-ġdida testendi l-perjodu tal-konċessjoni eżistenti biex is-sidien igawdu l-pussess tal-proprjetajiet mibnija fiż-żona protetta minn 30 sena għal 75 sena. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni pubblika se tkun obbligata tirreġistra l-linja ta' demarkazzjoni definittiva u provviżorja fir-reġistru tal-proprjetà, sabiex ix-xerrejja jkunu jafu sew jekk il-proprjetà hijiex f'żona protetta u l-lokazzjoni eżatta u d-daqs ta' din iż-żona. Madankollu l-liġi l-ġdida ma tindroduċi l-ebda kumpens finanzjarju għas-sidien ta' proprjetà affetwati mil-liġi.

Konklużjoni

Kif indikat diġà, il-Kummissjoni tista' tintervjeni biss f'ċirkustanzi fejn kien hemm allegat ksur tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-każ, mhijiex fil-kompetenza tal-UE li ssegwi din il-kwistjoni.

Il-kwistjoni dwar jekk il-forma ta' kumpens offruta mill-awtoritajiet Spanjoli hijiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandha tiġi eżaminata mill-qrati nazzjonali u, wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji legali domestiċi kollha, mill-Qorti nnifisha. Il-Kummissjoni tifhem li tressqu azzjonijiet kontra l-liġi quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Jekk il-petizzjonanta tqis li inkisru xi drittijiet tal-bniedem tagħha, hi tista' tressaq l-ilment tagħha lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa (Kunsill tal-Ewropa, 67075 Strasbourg-Cedex, France). Madankollu, il-Qorti tista' titratta kwistjoni biss wara li l-possibilitajiet domestiċi kollha jkunu ġew eżawriti.

¹ "Proyecto de Ley de Protección y Uso Sostenible del Litoral y de modificación de la Ley de Costas", <http://www.magrama.gob.es/es/costas/temas/anteproyecto.aspx>

² http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-880_mt.htm